L-EWWEL KTIEB
TAS-SITTA U
ERBGĦIN SENA

MARZU

1970

# IL-MALTI

QARI

JUNIOR COLLEGE
LIBRARY

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

**KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD**

L-EDITUR — Il-Perjodiku Tagħna ... ... ... faċċ. 3
Ġ. CASSAR PULLICINO — Salvatore Castaldi u l-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... " 4
GEORGE DOUBLESIN — Il-Katarsi fi "Il-Barrani" " 19
PAWLU AQUILINA — *Faraġ u Hena* ... ... " 22
G. ZARB ADAMI — Rapport tas-Segretarju ... " 24
PAWLU MIFSUD — *Ejja Rebbiegħa, Ejja April* " 30
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... " 31

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**
**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D. Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**
**SEGRETARJU ONORARJU: Godfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.
All communications should be addressed to the Hon. Secretary.
Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.
Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.

---

Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

KULL TLIET XHUR

IS-SITTA U ERBGĦIN SENA

1970

Veritas Press
Żabbar
MALTA — 1970



SALVATORE CASTALDI

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — MARZU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1970


## IL-PERJODIKU TAGĦNA

*Dan l-aħħar iltqajna ma' saram u kien hemm biża' li dan il-perjodiku tagħna ma jibqax joħroġ għax l-ispejjeż tal-istampa għolew tant li sibna ruħna f'qagħda li ma nifilħux għan-nefqa.*

*Illum kollox għola u l-istampatur ħtieġlu jgħolli wkoll, imma l-ħlas li talabna kien tqil wisq għal bwietna u ġejna fi twegħir kbir; imma ma qtajniex qalbna u bosta mill-Membri Akkademiċi ħabirku kemm felħu biex jaraw isibux xi tarf ħalli jeħilsu lil dan il-perjodiku mill-qerda li kienet ġejja fuqu.*

*Kieku dan il-perjodiku tagħna spiċċa kien ikun mhux biss ta' ħasra għal kull min iħobb lill-Malti imma kien ikun ukoll ta' telfa għal ilsien art twelidna, u barra dan kien jintemm il-perjodiku l-aktar antik li qiegħed joħroġ f'pajjiżna. "Il-Malti" ilu joħroġ ħamsa u erbgħin sena u matul din il-medda ta' snin il-Gżira tagħna rat waqtiet ta' niket u ħerba, ta' ferħ u hena, ta' riżq u għaks, ta' saram u twegħir, imma l-perjodiku tagħna qatt ma naqas li jidher f'waqtu u li jagħti xhieda tal-ħajja u l-ħeġġa tal-ilsien Malti.*

*Fl-ewwel ħarġa ta' "Il-Malti" fl-1925, id-direttur ta' dak iż-żmien, il-Kavalier Ġuże Muscat Azzopardi kien kiteb li dan il-perjodiku jilqa' . . . . "qari tajjeb u ta' fejda, ġej mnejn hu ġej. Għax it-twemmin tagħna fit-tmexxija tal-"Malti" jinġabar f'dawn il-kelmiet: Ħobb 'l Alla u 'l Għajrek, billi tgħallem lil min ma jafx." Din ix-xejra qatt ma naqset f'dan il-perjodiku li dejjem laqa' fi ħdanu kontribuzzjonijiet minn l-aqwa kittieba Maltin u għamel il-ħila lil ħafna żgħażagħ kittieba meta kienu fil-bidu tal-karriera tagħhom.*

*Jekk wieħed iqalleb fil-ħarġiet ta' "Il-Malti" jiltaqa' mal-ismijiet tal-aqwa nies għorrief u intellettwali li għexu f'din il-Gżira fis-seklu li aħna fih: prożaturi u poeti li għollew l-ilsien tagħna għal-livel letterarju li joqgħod maġenb dak ta' nazzjonijiet oħra. Illum ħadd ma jista' jiċħad li "Il-Malti" kien l-aqwa u l-aħjar mezz biex l-ilsien tagħna ħa postu fil-ħajja nazzjonali ta' niesna.*

*Meta wieħed jagħraf dan kollu ma jistax ma jintebahx kemm kienet tkun ta' min jitħassarha t-telfa ta' "Il-Malti" fil-ħajja kulturali u intellettwali ta' din il-Gżira u għalhekk il-Membri*

*Akkademiċi għamlu minn kollox biex il-perjodiku tagħna ma jiġix nieqes. Huma kellmu lil nies tas-sengħa, ħadu parir minn diretturi u mexxejja ta' ġurnali u perjodiċi oħrajn, raw kif jistgħu jorqmu l-infiq, u wara ħafna taħbit seħħilhom jiftiehmu ma' l-Istamperija "Veritas" mnejn ħareġ dan in-numru li qegħdin taqraw u mnejn nittamaw li jibqgħu jidhru n-numri ta' warajh għal żmien twil.*

*L-ispejjeż għolew u l-Akkademja qiegħda tagħmel sagrifiċċju kbir biex tlaħħaq magħhom; għalhekk nixtiequ li l-Membri Akkademiċi u l-imseħbin u l-qarrejja wkoll jagħtuna l-għajnuna billi jsibulna aktar imseħbin ħalli l-perjodiku tagħna joktor u jisseddaq.*

---

# SALVATORE CASTALDI U L-MALTI

**Studju ta' Ġ. Cassar Pullicino**

Fil-ġrajja tal-kitba bil-Malti tul is-sekli 19 u 20 niltaqgħu ma' xi ismijiet ta' nies li, kieku ma kenitx il-kustjoni politika tal-lingwa, għandhom mnejn kienu jirnexxu ħafna fil-qasam tal-Malti. Wieħed minn dawn il-letterati li f'żgħożitu tħajjar jikteb bil-Malti kien Savatore Castaldi (1857-1904), li ħin bla waqt sab ruħu miġbud fil-belliegħa tal-politika, fejn kien minn ta' quddiem nett fit-taqbida u sar l-id il-leminija ta' Fortunato Mizzi, li baqa' jgħożżu ta' ħabib mill-kbar ukoll wara li Castaldi ħalla l-ħajja pubblika fl-1895 biex jieħu n-nomina ta' Professur tal-Liġi fl-Universita' sa ma miet fil-11 ta' Marzu, 1904.

Imwieled fl-Isla fl-1857, Castaldi beda l-ħidma tiegħu letterarja u ġurnalistika fl-1882-84 li kienu tlieta mill-eqqel snin fil-glieda politika ta' dawn il-gżejjer. Kiteb versi u proża bit-Taljan fil-ġurnali magħrufa ta' dak iż-żmien — f'**Il Diritto di Malta,** li tiegħu kien Direttur fl-1883, fil-**Crepuscoli** (1886-88), fil-**Malta,** li bdiet toħroġ fl-1883 u fir-**Risorgimento,** li kien beda joħroġ fl-1876. Il-poeżijiet tiegħu nġabru wara mewtu minn C. Micallef Decaro fl-1904 bl-isem ta' **Versi ed Epigrafi.**

Dwar il-mertu letterarju tal-kitba tiegħu bit-Taljan nisiltu din il-biċċa mid-diskors li niseġ b'tifħir tiegħu l-Professur L.A. Randon fiċ-Ċirkolu "La Giovine Malta" nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 1904: ". . . ma esaminando con quanta e quale facilità e felicità ed eleganza egli abbia trattato le forme letterarie piu' varie e complesse, dalle ballate alle odi

barbare; dal bozzetto in prosa alla novella in versi; dalle critiche teatrali ai superbi studi di Scienza Costituzionale; dalle lettere amorose ad una sposa ideale alle ultime epigrafi splendide per Giuseppe Verdi — ma riflettendo come, in tempi quando ancor permaneva e infuriava tra i nostri scrittori il neo-romanticismo del Prati e dell'Aleardi, il classicismo inacquato di Giacomo Zanella — poeti allora in pienissima voga — riflettendo come, privo di larga coltura e, quel che più monta di mezzi per acquistarsela, egli abbia potuto da solo svolgere, con assimilamento meraviglioso, le sue facoltà liriche sull'ispirazione carducciana e la sua prosa conformare, snodare, abbellire seguendo il De Amicis dei tempi migliori — in verità si vede che egli non fu uno di quelli scrittori che sorgono tra noi tutte le mattine per tramontare nell'oblio tutte le sere; ma, bensi', un poeta e prosatore, nuovo di sostanza e di forma, d'anima e di intendimento, che sapeva tutte le recondite bellezze dell'arte nuova e se ne avvalorava e se ne faceva vitale nutrimento quando ancora, lo dico con rammarico, gran parte dei maltesi credeva la poesia italiana morta cogli Inni del Manzoni e la prosa morta coi Zibaldoni del Padre Bresciani . . . . Tale il poeta . . . . non dissimile il prosatore. Mai ebbi occasione a parlargliene, ma dall'esame dele sue opere, mi son formato questo complessivo giudizio di lui; come nei versi si tenne per modello supremo il Parini, così nella sua prosa ebbe modello inarrivabile il Manzoni . . .[1]

Imma hawnhekk irridu naraw x'sehem kellu, imqar żgħir, fiċ-ċaqliqa li bdiet tinħass b'riżq il-kitba bil-Malti f'dawk iż-żmenijiet. L-ewwel ħidma tiegħu tmur lura sa l-1879 meta kien għad kellu biss tnejn u għoxrin sena, u kienet tnisslet mill-ħbiberija tiegħu ma' tnejn minn nies Qriema li, f'qisien differenti, it-tnejn għamlu ġieh lill-Kitba Maltija. Dawn kienu Ġużè Muscat Azzopardi li kien direttur tan-**Naħla Maltija** (1877-1879) u Anton Muscat Fenech, direttur tal-**Habbar Malti,** minn Settembru, 1879 sa tmiem l-ewwel żmien tiegħu fl-1881.

Fin-Nru. 71 tan-**Naħla Maltija** li jġib id-data 9 ta' April, 1879 Castaldi kien ħareġ dawn il-**Kelmtejn għal Qabel,** taħt ir-ras **Id-Dritti u l-Obbligi tal-Poplu:"**

"Qaluh f'kull żmien bosta għorrief illi l-akbar disgrazzja li jista' jkollu poplu hi dik li ma jkunx jaf liema huma d-dritti u l-obbligi tie-

1. Ara l-gazzetta **Malta** tal-31 ta' Marzu, 1904. Wara ħafna snin, Randon kien żied ma' dan id-diskors u kabbru fi studju mirqum li deher fil-**Malta** f'bosta ħarġiet tul ix-xahar ta' Marzu, 1927 taħt l-isem **Nazionalisti Scomparsi: Salvatore Castaldi.**

għu. Jiena li kont inħoss għasra ta' qalb kull meta kont niftakar kemm hu lura f'dil-ħaġa l-poplu tagħna — għamilt elf darba l-ħsieb li nikteb xi tagħlim ħafif ħafif biex kulħadd jifhmu; imma dal-ħsieb ma għaddiex 'il quddiem, billi ma kellniex ġurnali miktubin bil-Malti.

"Issa li d-Direttur tan-**Naħla Maltija,** ħabib tiegħi tal-qalb, offrieli dal-folju, irrid nagħmel dak li ili tant nixtieq għaliex naf li billi n-**Naħla** tmur f'idejn nies li ma jifhmux ħlief il-Malti, ma nistax insib okkażjoni aħjar minn din.

"Min jistenna li għandu jaqra xi ħwejjeġ ġodod, jitqarraq bil-bosta: jiena nfittex biss li l-aħjar għorrief ħallewlna fuq id-Dritti u l-Obbligi tal-poplu.

"L-imħabba li nħoss għan-nies ta' pajjiżi, u l-aktar għal dawk illi. billi ma jafux jaqraw it-Taljan jew l-Ingliż, ma jagħarfux id-drittijiet kbar u għeżież tagħhom — ġegħlitni naqbad dan ix-xogħol; u jiena nkun bil-wisq ixxurtjat jekk jagħti xi dawl lil min jaqrah.

"L-akbar xewqa li jien għandi — bħalma naf żgur li għandhom il-galantomi kollha — hi li nara dejjem jikber il-progress u d-dawl f'dil-għażiża art tagħna, li għandna nħobbu fuq il-ħwejjeġ kollha tad-dinja."

Biex nagħtu ħjiel ta' l-istil u s-sustanza tal-kitba tiegħu nisiltu l-bidu ta' l-ewwel biċċa, maħruġa fin-Nru. 72 tad-19 ta' April, 1879:"

"Hi ħaġa li jafha kulħadd, u kulħadd jista' jagħti xhieda tagħha għaliex iħossha ġo fih stess, illi l-bniedem ma hux magħmul biex igħix għalih waħdu, imma jfittex dejjem li jissieħeb ma' ħaddieħor; biex hekk ikun jista' jilħaq mal-bżonnijiet ta' kull xorta li għandu.

"Mur fil-pajjiżi l-aktar 'il quddiem fil-għerf: idħol ġo l-artijiet tas-salvaġġi; għandek issib miġimgħat ta' nies miġburin flimkien. Uħud minnhom joqogħdu fi bliet sbieħ u kbar; oħrajn jiġġerrew fid-deżerti imma kollha jfittxu li jiltaqgħu; u hekk jistgħu jgħixu u jgħaddu 'l quddiem.

Miġimgħa ta' nies uniti flimkien, li jħabirku għall-ġid tagħhom u jaħdmu biex iżidu l-mezzi li jistgħu jkunu żguri u feliċi, tinsieh **Soċjetà** . . . ."

Milli jidher, il-ħtieġa ta 'tagħlim ċiviku ta' din ix-xorta kienet diġa bdiet tinħass disgħin sena ilu, kif tixhed din l-ittra li dehret fl-istess ħarġa tan-**Naħla Maltija,** miktuba minn Enrico Zammit (1857-1906), li huwa wkoll kien għamel isem fil-qasam ġurnalistiku politiku.

Mill-Isla, 12 t'April, 1879

Sur Direttur tan-"Naħla",

Qrajt bi pjaċir kbir fl-aħħar "Naħla" li s-Sur Salvu Castaldi — wieħed mill-egħżeż ħbieb tiegħi — sejjer jippublika xi tagħlim fuq id-dritti u d-doveri tal-poplu. Dan il-ħsieb huwa qaddis: ħallini nsejjaħlu hekk. Għaliex il-poplu baxx tagħna — miskin! — jinsab kważi għal kollox fil-għama fuq ċerti ħwejjeġ, li, kieku kien jafhom — ċert — ma konniex forsi nibqgħu mjassrin taħt il-madmad aħrax tad-dispotiżmu.

Is-Sur Castaldi, b'dak li sejjer jikteb fil-folju tiegħek, sejjer ikompli ħsieb li jien kelli minn żmien twil. Bi prova ta' dan li qiegħed ingħidlek, ġimgħa oħra, għax did-darba ma nistax, għandi x'nagħmel ferm — nibagħtlek maqlub b'ilsienna Malti — artikolu li jien kont ġibt fin-numru 188[2] tal-ġurnal "Oggi" imsejjaħ **Un libro necessario** Ktieb li hemm Bżonn. F'dan l-artikolu, wara li tħaddidt fuq kemm huwa meħtieġ li l-poplu tagħna jkun jaf dak li hemm bżonn bħala ċittadin u bħala sudditu, spiċċajt hekk: "Daqsxejn ta' ktieb bit-Taljan u bil-Malti miktub bi stil ċar, qasir, sempliċi; id dritti u d-doveri tal-poplu biex iservi għall-iskejjel, u għan-nies baxxi jmissu jkun mill-aktar fis miġbur u stampat minn min tassew irid li l-pajjiż fejn twieled igħaddi 'l quddiem. Saħħa. Kompli iswa lil pajjiżna bin-**Naħla** — tinsinix — u emminni —. Ħabib ta' Dejjem,

E. Zammit.

Naqilbu issa minn **Naħla Maltija** għall-**Ħabbar Malti.** Fuq talba ta' Anton Muscat Fenech, Castaldi kiteb poeżija b'versi maħlula, mingħajr rima, li hija fost ta' l-ewwel li għandna minsuġin hekk fil-Malti. Fit-28 ta' Ottubru, 1879 kitiblu din l-ittra lil Muscat Fenech:

Ħabib,

Ġranet ilu wegħidtek li niktiblek xi ħaġa għall-**Ħabbar:** ara kif ma nqastx minn kelmti. F'dil-poeżija fittixt li ndaħħal il-versi mingħajr taqbil, ta' l-istess qies tat-Taljan, ħaġa li s'issa — sa fejn naf jien — għadu ma ippruvaha ħadd: jekk irnexxietx jew le' min jaqraha għandu jaqta' l-kundanna. Ma jidhirlikx li llum il-ġurnata jmissna — fil-kitba Maltija — nibdew nersqu lejn il-qisiet kollha sbieħ u ġodod tal-poeżija Taljana?

Jien ser nibda t-triq. Forsi — u nixtiequ b'qalbi kollha — ħadd-

2. Biex ngħidu s-sewwa, dan l-artikolu ta' Zammit kien deher fin-Nru. 189 u mhux 188 ta' **l'Oggi.**

ieħor jitħajjar, u jagħmel aħjar milli stajt nagħmel jien.

Kultant — jekk il-prova tal-lum tingħoġob — nibgħatlek xi ħwejjeġ oħra anqas ħżiena minn din t'issa.

Ftakar spiss fil-ħabib tiegħek

S. Castaldi.

Flimkien ma' din l-ittra, fil-**Habbar Malti** tal-31 t'Ottubru, 1879 bdiet tidher il-poeżija, jisimha **Ċelestina,** li ssuktat tidher fil-ħarġa tas-6 ta' Frar, 1880. Inġibu l-poeżija sħiħa billi s'issa aktarx li baqgħet minsija fil-paġni tal-ġurnal li semmeina:—

**ĊELESTINA**

Ħaġa tal-biki ser ingħid: għaddew
Tant snin s'issa minn fuqha; u bħallikieku
Saret il-lbieraħ! Qalbi nħoss titgħaffeġ,
U d-dmugħ jaqbiżli minn għajnejja dejjem
Meta niftakar fiha.
Ċelestina.
X'għaddiet f'daqqa bħal ħolm minn quddiemi,
Il-ħsieb, il-għaxqa tat-tfulija tiegħi!
Kellha sbatax-il sena: il-ħarsa tagħha
Ħaġa mhix ta' did-dinja; u kienet tiddi
Is-sbuħija f'għajnejha daħkanin,
U tgħaġġeb lil kulħadd. Jien kont naraha
Kuljum — għal filgħaxija — fit-triq imfewħa
Bil-fjuri ġodod tar-rebbiegħa, miexja
Kollha ferħana, tħares lejn is-sema
Safi safi, bla sħaba, u dak is-sema
Ma kienx isbaħ minn wiċċha: mhux għalxejn
Semmewha Ċelestina! U kull mnejn tgħaddi
Tikser b'leħenha l-ħemda tal-kampanja
B'dak leħenha tal-Ġenna.
Ma nistax
Ngħid ġewwa qalbi x'kont inħoss. Nitriegħed,
Nisfar kont x'ħin nilmaħha; fuq is-siġar
Nitfa' għajnejja, fuq xi dar fil-bogħod,
Fuq il-baħar — 'il hinn — li bilkemm jidher;
U niġri b'moħħi f'dinja ġdida, u nara

Biss lilha — biss — ħosbiena u daħkanija;
O, min jarġa' jagħtini l-ħsebijiet
Il-ħolm tat-tnax-il sena!
Kienet lejla
Bi ġmielha ssaħħrek, hienja: kollox tara
Jifraħ bil-ħajja ġdida li titnissel
Ma' l-ewwel fewġ ta' Mejju — Ċelestina,
Ix-xemx qiegħda tistaħba wara l-għolja
U titfa' mejta mejta l-aħħar dija.
Fuq dan is-skiet: għala m'inix narak?
Għaliex għadni ma smajtx il-leħen tiegħek,
L'jikser hekk ħelu l-ħimda tal-kampanja,
Il-leħen t'għek tal-Ġenna? Ftit il-ftit
Ix-xemx għabet għal kollox; u ħassejtni
Aktar qalbi tingħasar. L-aħħar raġġ
Kien donnu jfittex, huwa u ser jintefa'
Il-wiċċ daħkan ta' Ċelestina, daqsu
Nadifa u ħelwa. Dak il-ħin id-dinja
Stħajjiltha saret bħal deżert għalija.

Bid-dmugħ niftakar f'dawk il-ġranet. Kollox
Inbidel f'mument wieħed. X'ħin kien jidlam
Kull werqa li tiċċaqlaq fil-qarib
'Mħarrka qalqajl mir-riħ ta' filgħaxija,
Kull ħiss madwari li kont nisma', f'daqqa
Inqum bir-rogħda — "Ċelestina" — u meta
Narani mqarraq, nibqa' bħal mibluh
Bid-demgħa fuq għajnejja u l-vojt ġewwa qalbi.
B'dal-mod it-tama li kien għad fadalli
Inqerdet mar-rebbiegħa.

Mnikket waħdi
Tbegħidt mill-pajjiż tiegħi, li għalija
Kien tilef ġmielu koll' għax Ċelestina
Biss kienet dik li ssebbħu u tagħmlu Ġenna.
Tbegħidt: Fittixt li ninsa, qalb nies ġodod - - -
Fost il-ħsejjes tal-bliet, ġo moħħi
Il-ħsieb, f'għajnejja l-ħarsa tagħha kelli.

Għaddew tliet snin: ma ngħidx fihom x'sofrejt
Għax l-ebda lsien ma jasal.
Fl-aħħarnett
Miġbud mit-tama li twelditli f'qalbi.
Irġajt għall-pajjiż tiegħi.
Kien Novembru:
Is-sema mgħotti, l-arja kiesħa: ħimda
U swied il-qalb. Irfajt għajnejja: 'l bogħod
Rajt fuq ir-rdum bħal ħaġa bajda: rsaqt
Mara — xuxitha mtajjra fuq spallejha —
B'ħarsa ċassa u miblugħa kienet tħares,
Tħares u tidħak lejn l-abiss li kellha
Madwarha, taħt riġlejha: l-ħarsa, d-daħka
Ta' min mhux f'sessih iżjed. Minn kull naħa
Nies imbikkija — qalb ix-xewk u l-ħaġar
Resqin, iħarsu, jfittxu.
Bit-tbatija
Mort 'il quddiem, 'il quddiem iżjed . . .
— O! Ċelestina! Ċelestina! — Iddallam
Kollox quddiemi! Ma nafx x'għedt, xi ħsibt.
X'ħassejt dak il-mument.
Dik l-art misħuta
Ħallejt għal dejjem; u ġo moħħi kelli
Thewdin bħal ta' marid
Imma l-ħsieb tagħha
Ma ħallinix minuta. Dik il-ħarsa
Għadha quddiem għajnejja: sal-lum għadni
Jaqbiżli d-dmugħ meta niftakar fiha!

Għall-ittra li magħha Castaldi kien bagħat għall-istampa l-poeżija tiegħu **Ċelestina** wieġeb minnufih Ġuże' Muscat Azzopardi b'ittra oħra ta' apprezzament, miktuba fil-5 ta' Novembru, 1879 li dehret fil-**Ħabbar Malti** tat-30 tax-xahar. L-ittra kienet tgħid hekk:

Ħabib Għażiż Tiegħi,

Qatt rajt ħafna xrar imgħotti bir-rmied? Taħsbu mitfi. Iżda, malli tqanqlu ftit, jarġa' jsir ħuġġieġa. Hekk għandek tqisha mħabbti għall-Lsien Malti. Għalkemm tidher mitfija min-nuqqas tal-qalb li ftit issib min jagħmlilha, tarġa' tikbes mill-ġdid, kif xi ħadd iqanqalha. Din id-

darba, qanqalhieli l-ħabib tiegħek u tiegħi Salvu Castaldi.

Tassew immela — kif kien igħid l-imħassar Dun Dovik[3] — li l-ħila f'ilsna barranin tnissel ġibda għal Lsienna! Is-Sur Castaldi, wieħed mill-aħjar fil-Latin u fit-Taljan, beda juri ħiltu fil-Malti wkoll. Nifraħ — nitgħaxxaq mill-qiegħ ta' qalbi — meta nara żgħażagħ bħas-sur Castaldi li ma jistmerrux jiktbu bil-Malti, fil-waqt li oħrajn (ta' l-ebda ħila!) jistħu jitkellmuh biss.

Ilha toqrosni din il-biċċa. Ili żmien nistħarreġ tajjeb min huma dawk li jmaqdruh. Iżda f'ħajjet Alla l-imbierek, sibt dejjem li għaliħ jinġibdu ż-żgħażagħ tal-ħila (u fosthom nieħu s-Sur Castaldi u lilek), kif ukoll qatt ma rnexxieli nsib wieħed li jiswa xi ħaġa qalb dawk li dlonk imaqdruh.

Għall-mistoqsija li għamillek is-Sur Castaldi — **jekk jidhirlekx li llum il-ġurnata jmissna nibdew nersqu lejn il-qisijiet tal-poeżija Taljana?** — inwieġeb jien għalik. Jiena tal-fehma tiegħu. U kieku kien laħaq ħareġ il-ktieb (żgħir u dgħajjef) tat-taqbil tiegħi[4], kien jara kemm ili li tgħabbejt b'dan il-ħsieb. Għalkemm ma jilħqux mal-ħila li wera hu fiċ-**Ċelestina,** kien isib qisijiet ta' ħames saqajn, ta' sitta, ta' sebgħa, ta' tmienja, ta' għaxra, ta' ħdax: kien jixgħel fuq xi **strofa** fuq tat-Tasso, f'xi **canzone** fuq tal-Petrarca, f'xi **terzina** jew **sestina** fuq tad-Dante u tal-Giusti. Tassew li ma kienx jaqra ħwejjeġ tajba; iżda kien jintebaħ li hawn min jixtieq jaqbad dik it-trieq. Għedt dan kollu biex nuri lill-ħabib tagħna Castaldi li mhux waħdu fil-fehma tiegħu — u li kont nagħmel daqsu li kont naf daqsu. Iċ-**Ċelestina** ma tistax tkun isbaħ. Jiena jidhirli hekk — u ħadd ma jista' jidhirlu xort'oħra. Is-Sur Castaldi wera fiha kemm jiswa l-Lsien tagħna, f'idejn min jaf jaħdmu.

---

3. **Dun Dovik** kien Dun Ludovico Mifsud Tommasi li miet fil-għomor ta' 84 sena fit-22 ta' Ottubru, 1879. (Ara **Il-Ħabbar Malti,** Nru. 66, tal-31 ta' Ottubru, 1879). Flok il-kelma **imħassar,** minn **ħasra,** li dak iż-żmien kienet tintuża minn bosta kittieba, illum aktarx ngħidu u niktbu l-**mibki.**

4. Ma nafux sew għal liema ktieb qed igħid G.M.A. L-ewwel versi tiegħu stampati fi ktieb huma **l-Ħamsin Poesija bil-Malti,** miġburin u maħruġin mill-editur Alessandro A. Ferrugia fl-1890. Dan l-editur igħid li sa dak iż-żmien G.M.A qatt ma ried jiġbor il-versi tiegħu, "għax qal li l-poeżiji tiegħu, sewwa bit-Taljan u sewwa bil-Malti, ma ħaqqhomx jerġgħu jaraw id-dawl — anzi ianqas kien ħaqqhom jarawh l-ewwel darba". Għalhekk aktarx li dak il-ktieb tat-**Taqbil** baqa' ma ħareġ qatt. Madankollu, aktarx li dal-ktieb kien tassew lest u kollox għall-istampa għax fil-lista **X'Kiteb Ċuże' Muscat Azzopardi** li tinqara fl-aħħar tat-tieni ħarġa ta' **Nazju Ellul** 1947) insibu, taħt is-sena 1876 **Ċabra ta' Poeżiji bit-Taljan u bil-Malti.**

Għerf, ħila, xeħta, sengħa, il-ħabib tagħna għandu kollox. Jekk tneħħi xi erba' kelmiet li mhumiex miktuba bir-reqqa[5] ma ssib xi tnaqqaslu xejn. Tarġa', dawn l-erba' kelmiet jien inqishom bħal nitfa ta' sħaba żgħira li tgħajjar għal ftit id-dija kbira tax-xemx, u dlonk tarġa' tgħib mitfija mill-qawwa tagħha.

Bħala xhieda ta' dak li għedt fuq, nagħlaqlek erba' ħmerijiet[6] minn tiegħi f'din l-ittra.

Għoddni Dejjem, bħal minn issa lura,

Il-Ħabib Tiegħek.

G. Muscat Azzopardi.

Il-versi l-oħra li sibna bil-Malti huma qlib mit-Taljan li Castaldi bagħat lil Muscat Fenech għall-**Ħabbar.** Magħhom kitiblu ittra bid-data tad-19 ta' Jannar, 1882 li dehret, flimkien mal-versi, fil-ħarġa tal-**Ħabbar Malti** tas-6 ta' Frar, 1882. Inġibu l-biċċa mill-ittra li għandha x'taqsam:

Ton,

Ilbieraħ filgħaxija kont qiegħed naqra li Stecchetti (ma nafx jekk smajtx bih); u fettilli nġib fil-Malti waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu. Hija dejjem ħaġa tqila, bħal ma taf int, iġġib minn xi lsien għal ieħor it-taqbil ta' l-awturi kbar: wisq iżjed meta wieħed ifittex — bħalma għamilt jien — iżomm l-istess qies u l-istess numru ta' versi.

Għalhekk ma nistagħġeb xejn jekk, malli taqra x-xogħol tiegħi — tibda tidħak, għax jien stess nistqarr li hija ħaġa bla togħma għal kollox. Imma ladarba għamiltha, ridt nibgħathielek. Jekk jidhirlek li ġġibha fil-**Ħabbar** ġibha; inkella agħmel int, qattagħha jew aħraqha. Jien ma jimpurtani xejn iżjed minnha....

Saħħa

Il-Ħabib Tiegħek,

Dr. Salvatore Castaldi.

---

5. Il-kelmiet imsemmija minn G.M.A. huma: **inqastx, jidhirlekx, mhix,** id-dinja, smajtx, li Castaldi kiteb **inkasc', jidirlicsc, mix, id-dinia smaic'.**

6. Il-Poeżija **Il-Lsien Malti,** li ġġib id-data 22 ta' Ġunju, 1879 u li dehret flimkien ma' l-ittra fl-istess ħarġa tal-**Ħabbar Malti.**

Is-sunett miġjub bil-Malti kien dan:

**TIFKIRA**

(mit-Taljan ta' L. Stecchetti)

X'ħin tilmaħ it-triqat fil-Karnival,
Tifla ta' qalbi, bl-akbar ferħ mimlija,
Iftakar f'min hu jmut bħal annimal —
Minn kulħadd minsi — ġewwa l-Furmarija.

X'ħin tkun dieħla ġol-kmamar kollha dwal,
Biex tgħaddi l-lejl fiż-żfin u fit-tgawdija,
Hares, ħares mit-taraġ lejn tant tfal
Nofshom mejta bil-ġuħ u bit-tbatija.

X'ħin tleqq fil-għajnejn tiegħek daħqanin
Il-berqa ta' l-imħabba, aħseb xi ftit
Li m'hemmx fid-dinja mħabba għall-imsejknin.

X'ħin tkun tiżżejjen, la tkeċċix il-ħsieb,
L'jekk tnaqqas ħaġa, il-ħajja tista' żżid
Lil min qiegħed jitterter wara l-bieb.

L-Isla. fit-18 ta' Jannar, 1882.

Ma' tul is-sena 1880 Castaldi għamel tliet stqarrijiet li, għalkemm juru li qalbu ma kenitx taħarqu żejjed għall-Malti, huma fl-istess ħin xhieda li kien jaqbel li l-Malti jeħtieġ ikun studjat xjentifikament, li mhux sewwa tmaqdar ilsien art twelidek, u li xejn daqs il-Malti ma jiswa biex jixtered it-tagħlim fost il-poplu. F'egħluq is-sentejn li kienu ilu joħroġ il-**Ħabbar Malti,** Castaldi bagħat din l-ittra lil Muscat Fenech, li tidher fil-Għadd 82 tal-15 ta' Ġunju, 1880:

Ħabib ta' Qalbi,

Il-folju tiegħek — kif għedtli l-aħħar darba li ltqajna — b'dil-ħarġa jagħlaq sentejn li ilu jinkiteb: jien nifraħlek mill-qiegħ ta' qalbi, għaliex ftit wisq huma l-folji, miktubin fil-Isien tagħna, li għaxu daqshekk u fuq kollox għaliex dana hu sinjal ċar li qiegħda bil-ftit il-ftit titrabba fin-nies ta' pajjiżna l-imħabba għall-qari u għat-tagħlim. Ma jidhirlix li

għandi bżonn inqawwilek qalbek biex tissokta bl-istess ħrara fil-kitba tal-**Ħabbar,** li hu l-għaxqa ta' tant nies, għax meta naħseb li n-numru ta' l-imsieħba jiżdied kuljum, u li hu moqri u mfittex kull fejn jinsab min jitkellem bil-Malti, dan hu biżżejjed biex wieħed jara kif int taħdem u titħabat biex dejjem iġġibu aktar 'il quddiem. Ibqa' uri lill-poplu min huma dawk li jridu tassew il-ġid tiegħu, u dawk li kieku jixtiequ jżommuh għal dejjem fil-għama; qis illi kulħadd jagħraf sewwa liema huma d-drittijiet tiegħu, u kif għandu jitlobhom u jaqlagħhom. Nissel kemm tista' l-imħabba lejn din l-art, lejn in-nies li bilgħerf tagħhom kattrulha ġiehha, jew xarrbuha b'demmhom, biex jeħilsuha minn elf għadu; f'kelma waħda, fittex illi aħna nkunu nafu min aħna u x'konna, u liema huma l-ħwejjeġ li għandna nħobbu, nixtiequ, naħirbu.

Hekk il-**Ħabbar** fi żmien qasir iżjed u iżjed jixtered fil-bliet, fil-kampanja, fid-djar tas-sinjuri u fil-għorof tal-bdiewa; u jirnexxielna nkattru d-dawl u l-progress ma' kullimkien. Dina hija l-aqwa xewqa tiegħi u l-ħsieb ta' ħajti kollha. Nifraħlek mill-ġdid. Nitma li l-fehmiet tagħna jaqblu.

Għoddni dejjem, kif jien tassew,
Ħabib tiegħek tal-qalb,
Salv. Castaldi

L-Isla, 10 ta' Ġunju, 1880.

Din l-ittra li ġejja kienet mibgħuta lil Muscat Fenech wara li dan kien għamel sejħa biex isir ftehim bejn il-kittieba ħalli jkun hemm ortografija waħda għall-Malti. Dehret fil-Għadd 87 tas-7 ta' Settembru, 1880:

Ħabib Għażiż,

Ma nistax infissirlek il-gost kbir li ħadt meta qrajt, f'waħda mill-aħħar ħarġiet tal-**Ħabbar** tiegħek — l-erba' kelmiet sbieħ tassew, fejn stedint lil dawk kollha li jafu u jgħożżu 'l-Lsien tagħna, biex jiltaqgħu flimkien u jiftiehmu darba għal dejjem kif għandhom jiktbuh ilkoll xorta waħda; iżda mhux anqas kbir kien il-għaġeb tiegħi xħin — fost l-ismijiet ta' dawk (u mhumiex f'ħajjet Alla ftit) li qegħdin juru l-ħila tagħhom fil-kitba tal-Malti — sibt miġjub ismi wkoll.

Jiena sa mill-ewwel żgħurija tiegħi — bħal ma tista' tixhdu int u

kemm oħrajn, f'dawk l-isbaħ snin ta' ħajti, kienu miegħi fl-iskejjel — ma kelli qatt ħsieb u xewqa oħrajn ħlief li nitgħallem sewwa t-Taljan, l-oħla fost l-ilsna kollha tad-dinja; u jekk darba jew tnejn fettilli nħarbex xi ħaġa bil-Malti, ħarġet tant fqajra u bla sura li għadni sal-lum nistħi minni stess kull meta niftakar. Għalhekk il-għaġeb tiegħi: u minn dak inhar miniex ħlief naħseb kif stajt niġik f'moħħok inti u tikteb dik l-istedina. Jekk ma għamiltux biex turini li għadu ma ħariġx minn rasek iż-żmien mixtieq ta' tfulitna, u biex aktar u aktar tħajjarni nħobb ilsien missirijietna, imżeblaħ u minn x'uħud li bdew ilbieraħ ilaqilqu kelmtejn ħażin ħażin bl-Ingliż jew bit-Taljan.

Jekk il-ħeġġa li nħoss ġo fija biex nara l-Malti magħruf u mfittex mill-poplu tagħna, u mqatta' sa fl-aħħar iċ-ċpar ta' l-injoranza li qiegħed idallamna u li mħabba fih ikollna nħammru wiċċna meta nitqasu ma' nies ta' pajjiżi oħrajn, jekk dil-ħeġġa biss hija biżżejjed biex tpatti għall-ħila li tonqosni għalkollox, jiena nilqa' b'qalbi kollha l-istedina li għoġbok tagħmilli u nqis ruħi bil-bosta xxurtjat, kemm-il darba l-ħrara u l-kliem tiegħi — għax ħaġ'oħra ma nistax — iqanqlu lil min, bil-għerf tiegħu, jista' jkun ta' dawl u għajnuna kbira fix-xogħol li jrid isir sa jifforma ruħu Alfabet Malti, miktub u miftiehem xorta waħda minn kulħadd. Għaliex hemm bżonn li aħna nsammru tajjeb f'moħħna l-kliem — nieżel mis-sema — li inti kont għedt fil-**Habbar:** li sa kemm kulħadd jibqa' jikteb kif idoqqlu, ma għandniex għax nittamaw li Lsienna jgħaddi pass wieħed biss 'il quddiem.

Narġa' nifraħlek mill-qiegħ ta' qalbi għal dal-ħsieb sabiħ li ġiek, u niżgurak illi — fost in-ngħas ikreħ li hawn madwarna — mhux ftit huma dawk li jibqgħu jafuhulek għal dejjem it-taħbit u x-xogħol tiegħek biex tagħmel ġid lil din l-art maħbuba u xxerred it-tagħlim u d-dawl fost kull min jitħaddet il-Malti.

Jien, min-naħa tiegħi, il-ftit li nista' qatt niswa nagħtih kollu, oqgħod żgur, biex nara jirnexxi l-ħsebijiet ta' ħajti.

Taqta' xejn qalbek: il-Maltin kollha, li dan l-isem jistħoqqilhom tassew, huma miegħek.

Issokta ġibni tajjeb,
Tiegħek kollni kemm jien,
Salv. Castaldi.

L-Isla, 5 ta' Settembru, 1880.

Ftit ġimgħat qabel ma nkitbet din l-ittra Annibale Preca kien ħareġ ix-xogħol tiegħu **Saggio intorno alla lingua maltese come affine all'ebraico.** Dan il-ktieb kien qala' ħafna kommenti favur tiegħu tista' tgħid fil-gażżetti kollha u qanqal ukoll xi nies biex jiktbu lil Preca u jifirħulu. Wieħed minn dawn kien Castaldi li kitiblu hekk nhar il-25 ta' Awwissu, 1880:

"Dell'opera veramente insigne che Ella ha — di questi giorni — pubblicato, dandole con singolare modestia il nome di "Saggio", tutti han parlato e parlano ancora con ammirazione, encomiando più che lo splendore della forma e la meravigliosa lucidezza delle idee, il santo pensiero che l'ha mosso a dettarla.

"Se la meschina lode di un oscuro letteratuccio, qual io mi sono, potesse mai aggiungere una fronda al serto di che la patria Le ha cinto la fronte, direi che ho letto, dalla prima all'ultima pagina, il suo stupendo opuscolo, ammirando, non saprei dir più se la critica poderosa, le peregrine ricerche filologiche e il dettato briosissimo e vasto.

"Ella che è tanto dotto, non isdegnando d'investigare con lungo amore le recondite origini della nostra parlata, che amara lezione non ha dato ai mille che, per aver preso a cinguettare le lingue d'Italia o d'Inghilterra, hanno a schifo la favella dei padri loro, cui con una boria non so se più insolente o ridicola, chiamano basso e miserabile dialetto!

"Io La ringrazio dal cuore profondo, dell'onore che il suo lavoro reca alla mia dolcissima terra: così molti imitassero il suo esempio[7].

B'danakollu, l-interess ta' Castaldi ma kienx imxaqleb lejn il-filoloġija u l-ilsna Semin. Iktar kien siewi, għall-ħsieb ta' moħħu, li wieħed ixebbah jew iqarreb ir-rabtiet tal-ħsieb bejn poplu u ieħor kif imfissra bil-kelma u bl-idjoma ta' kuljum milli jitkixxef in-nisel tal-kliem Malti. U b'dan il-għan inxeħet għal biċċa xogħol iebsa li fl-aħħar wasslet għall-ħruġ ta' ktieb **Maltesismi e frasi toscane** fl-1883. Biex jiġbor il-materjal għal dan it-tixbih ħtieġlu jisfolja bosta xogħlijiet lessikali jew letterarji bit-Taljan — fosthom dizzjunarji ta' Fanfani, kitba letterarja ta' awturi bħal Dante, Manzoni u Giusti, kif ukoll testi ta' ħrejjef popolari miġburin minn Nicolò Tommaseo u l-proverbji maħruġin minn Giusti. Ir-riżultat kien damma ta' 453 b'kollox bejn kliem u għidut Malti, mogħtijin bit-tifsir wara kull kelma jew frażi, imbagħad l-

7. A. PRECA, **Malta Cananea,** 1904: Attestati e Critica — V, pp. 742-3.

espressjoni Taljana li taqbel magħha u eżempju wieħed jew iżjed meħud mill-kotba Taljani li kien qalleb, bir-riferenzi meħtieġa. L-istess kelma ġie li tidher imniżżla iżjed minn darba, skond kemm tingħata tifsir differenti fit-taħdit. Kollox ma' kollox, huwa xogħol ta' min joqgħod fuqu, midmum bi kriterji ta' dixxiplina, u għandu l-post tiegħu fl-iżvilupp tal-lingwistika Maltija.

Meta ħareġ dan il-ktieb il-qiegħa politika kienet saħnet sewwa f' Malta, l-iktar minħabba l-kwistjoni tal-lingwa li kienet xegħlet wara l-ħruġ tar-Rapport ta' Keenan fl-1879 u r-riformi fit-tagħlim ta' l-ilsna li bdew isiru ftit wara. Kien hemm min inqeda bil-ktieb ta' Castaldi biex joħnoq kull ċaqliqa li jibda jkun imgħallem il-Malti, u huwa nnifsu, mill-1883 'il quddiem' ma jidherx li kiteb xi ħaġ'oħra bil-Malti. Baqa' jieħu sehem qawwi fil-ġurnaliżmu politiku favur it-Taljan u, bejn jikteb xi versi jew proża bit-Taljan[8]. B'danakollu, jista' jkun li kiteb xi versi li baqgħu mhux stampati. F'**Il-Gazzetta Maltija** tad-9 ta' Diċembru, 1899 Ġuże' Muscat Azzopardi jsemmi li Castaldi kien wegħdu li jsiblu "Kuruna ta' **Erbatax-il Sunett,** ilha miktuba kemm-il sena", u fl-10 ta' Frar, 1900 isemmi sunett ieħor "miktub għal tapposta". Iżda dawn is-sunetti baqgħu ma dehrux għax milli jidher Castaldi ma bagħthomx lil Muscat Azzopardi.

Urejna qabel li Castaldi kien ftit u xejn imħasseb billi ra li "ilsien missirijietna (huwa) mżeblaħ, u minn x'uħud li bdew ilbieraħ ilaqilqu kelmtejn ħażin ħażin bl-Ingliż jew bit-Taljan". Tista' tgħid li dan l-

8. Il-Prof. L. A. R-ndon fil-**Malta** tal-21 ta' Marzu, 1927, wara li semma "la bella a copiosa raccolta di **Maltesisimi e frasi toscane**", issokta jikteb hekk: "Son dessi un piccolo compendio di frasi maltesi che hanno la corrispondente traduzione letterale nella lingua tosc-na; il che — per ripetere le parole del **Diritto di Malta** "mostra chiaramente come il modo di pensare di noialtri maltesi comb'ni perfettamente anche la ove meno credesi, col modo di pensare italiano".

"Ma, oltre questo pr-tico insegnamento, il pregio più bello di cotesto libretto consiste nelle qualità u quantità citazioni contenutevi e prese dai migliori classici italiani. Esse dimostrano quanta e quale gia fosse la coltura del giovane compilatore; qu-nto accaniti e severi gli studi compiti nelle brevi tregue che le vicende della vita agitata gli concedevano. Il plauso generale che accolse, a Malta e in Italia, questo libretto, piccolo di mole ma denso di sostanza, incor-ggì non poco il Castaldi a dare alle stampe altre sue cose letterarie. Dopo il 1883 egli infatti si dedica con nuovo impeto irresistibile al giornalismo polit'co, ma tra un articolo e l'altro, pubblica versi e prose emananti un fascino li simpatia così semplice e ardente, che niuno, anche oggi, riesce a sottrarsi . . . .".

istess ħsieb fissru fl-ittra tiegħu lil Preca fejn semma l-ħafna Maltin "che, per aver preso a cinguettare le lingue d'Italia o d'Inghilterra, hanno a schifo la favella dei padri loro . . . " Quddiemu ra bidla kbira ġejja li għad iġġorr magħha l-iktar ħaġa li kellu għażiża: għax mhux biss il-Malti kien imżeblaħ, imma t-Taljan kien sejjer lura u m'għadux jingħoġob, waqt li l-Ingliż beda jdoqq ħelu f'widnejn bosta Maltin u qed jeħodlu postu. Bil-**Maltesismi e frasi toscane** bħal donnu jrid ifisser li, jekk jiġri hekk, ma tkunx ħaġa sewwa, għax min-natura l-ħsieb Malti jaqbel u jixxiebah mal-ħsieb Taljan, kif ried juri sewwa fil-ktieb tiegħu. Hekk, għall-inqas fil-fehma tagħna, jiftiehmu l-versi xejn ċari li bihom huwa ressaq il-ktieb quddiem il-qarrejja f'Lulju tal-1883.

## AL LIBRO

Gettato al vento, o libro mio, tu sei,
Caro compagno di mie veglie: il guardo
Su te sprezzante getteran, biasciando
Novi accenti dolcissimi, i gentili
Figli de la mia terra, a cui ne l'alma
Odio superbo e generoso è nato
Per l'inculta favella, ai padri nostri
Dolce cura ed amor. Stolta genìa
Di cieci i nostri padri! O Libro mio,
Non i suoni svenevoli e cascanti,
Gloria di mimi e cantatrici, al novo
Senno divino piacciono: di ciance
Passò l'età, passò. Pel ciel natìo
De l'idioma boreal le forti
Note sonando van, qual suono d'arpa
Tocca da mano angelica, soavi
De' miei fratelli ai non più rozzi orecchi.
Povero libro mio, d'eccelsa e pura
Gentilezza novella ansiosamente
Son vaghi i baldi giovani; le veglie
A te sol riso frutteran, null'altro,
Maledetto ribelle. Al vento, al vento,
Al vento, o libro mio, tu sei gettato

# IL-KATARSI FI "IL-BARRANI" TA' E. SERRACINO INGLOTT

Ta' George Doublesin

Il-katarsi hija mezz drammatiku maħluq mill-griegi u wżat minnhom f'diversi traġedji. Permezz tal-katarsi, li aktarx tieħu l-forma ta' martirju jew sogħba kbira, il-protagonist ipatti għal ħtijietu, isaffi ruħu u jasal biex jagħraf lilu nnifsu. Hekk fit-traġedja "Edipu Tirann" ta' Sofokle (c. 496-406 Q.K.). Edipu jibqa' jistħarreġ il-każ tal-qtil ta' Lajus sakemm, b'ironija li ma bħalha, isib li kien hu nnifsu li qatlu. Lejn tmiem it-traġedja Epidu jitlef lil martu u barra minn sensih bis-sogħba jagħmi lilu nnifsu. Imbagħad f' "Edipu f'Kolonus", dramm li jaqbad ma' "Edipu Tirann" insibuh igħix ħajja miġbura u ta' waħdu sakemm jasal għall-katarsi.

L-istess effett insibuh fit-traġedija ta' Shakespeare "King Lear" (1605) fejn ir-re fl-aħħar att jara kemm mar żmerċ fid-deċiżjoni tiegħu li jbarri lil bintu ż-żgħira Cordelia mill-wirt. Għalkemm issa tard wisq biex jagħmel il-ħaqq kif imiss, għallanqas ikollu s-soddisfazzjon jara li hi kienet tħobbu tabilħaqq u fil-mewt jistħajjel li qed jagħmel tajjeb għal ħtijietu.

Għalkemm il-katarsi writnieha minn żmenijiet klassiċi madankollu għadha taħdem fid-dramm modern. Kittieb ieħor Malti (barra minn Serracino Inglott) li jħaddem il-katarsi b'sengħa kbira huwa Francis Ebejer f'xogħlijiet bħalma huma "Is-Sejħa ta' Sarid" (1965) fejn Tessa u Fernand jisfaw mgħarrqin, u "Bwani" (1965) fejn Marcell, bħal Epidu jitlef id-dawl ta' għajnejh. Fl-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ xogħlijiet, Ebejer isemmi l-katarsi b'isimha u tista' tgħid jagħti tifsira ta' xinhi sewwa sew il-katarsi:

Sarid: għalkemm ma nafx kollox, inħossni hieni u soddisfat, għax fraħt u bkejt. Inħossni mnaddaf. Int għad fadallek x'titgħallem .... Għadek ma bkejtx biżżejjed. Ma tnaddaftx minn kull emozzjoni — l-emozzjoni ta' sogħba ngħidu aħna ....

Fernand: Sogħba! X'jiġifieri Sarid?

Sarid: Irid igħaddi iktar żmien minn fuqek sabiex is-sogħba tiegħek tkun sogħba tassew. U magħha l-katarsis.

Erin Serracino Inglott bħala studjuż sew tal-letteratura klassika ma satax jonqos li ma jinqediex mill-effett tal-katarsi. Fil-fatt din in-nota nsibuha ftit jew wisq f'żewġ drammi oħra tiegħu. F' "Razju Vidal"

(1941) Marjanu jpatti għal ħtijietu b'mewta qaddisa u patrijotta fil-waqt li f' "Ir-raġel li ħadha mal-mewt" (1945) il-professur tal-qalb Anġlu Kirkob jindem sħiħ mid-deċiżjoni egoista li jkun għamel billi jiddedika l-bqija ta' ħajtu għall-fejqan tal-mard.

Ma kien xejn anqas xieraq li Serracino Inglott iħaddem il-katarsi fi "Il-Barrani" (1956) għaliex dan id-dramm għandu tifsila kollha kemm hi griega. Dan narawh fl-użu tal-kor, fil-fatt li x-xena hija waħda u ma titbiddelx, u fl-unitajiet drammatiċi ta' żmien, lokal u azzjoni. Ta min isemmi, iżda, li d-dramm ma jimxix mat-tradizzjoni griega għaliex dawn ma kenux jarawha ħaġa xierqa li xeni ta' vjolenza jinħadmu fuq il-palk (għalkemm hemm eċċezzjonijiet).

Il-karattri ewlenin fi "Il-Barrani" huma Safja u l-Barrani. Dan tal-aħħar huwa prinċep u (bħal Edipu) parriċida. Għalkemm l-udjenza tagħder lill-Barrani u tifhem x'kien li ġagħlu joqtol lil missieru, is-Sultan ta Persew, xorta waħda tħoss li huwa għamel ħażin. Il-Barrani ħarab minn art twelidu u fi triqtu lejn Malta Itaqa' ma' San Pawl, qaleb għat-twemmin nisrani u tgħammed minn idejn l-appostlu. Kif jiftaħ id-dramm lill-barrani nsibuħ f'Għajn Stas fejn in-nies t'hemm għadhom jemmnu fl-allat Feniċi, għad li l-bqija ta' Malta issa qalbet għad-din ta' San Pawl.

Minn Nadir insiru nafu li l-barrani qed igħix ħajja l-aktar umli u fqajra. Minn prinċep u bin Sultan setgħani l-barrani issa qed

"jitħabat daqs ilsir u lsir m'huwiex:
joħodli l-merħla tirgħa, jħuf u jondor
ragħaj ta' kejn iżda ragħaj m'huwiex:
kulħadd jaraħ imidd idejh għal kollox,
bla merħ iħabrek, għaqli u sieket, jaħdem
qisu qaddej iżda qaddej m'huwiex!" (versi 27-32).

Faċli wieħed jifhem xinhu l-għan ta' dan il-Barrani minn Persew. Wara seba' snin ta' ġiri 'l hawn u 'l hinn huwa jittama li sab imkien fejn jista' jgħix ħajja axxetika bħala tpattija ta' dak li għamel. Iżda d-destin jitlob li huwa jistqarr dnubu quddiem kulħadd. B'riżultat ta' dan huwa jiġi mkeċċi minn Għajn Stas.

B'hekk la s-seba' snin ta' turufnament, lanqas il-ħajja eżemplari li għex hawn Malta ma huma biżżejjed biex ipatti għall-qtil ta' missieru. Aħna nistgħu naqblu u nistgħu ma naqblux, iżda għallanqas hekk fehemha Nadir. Iżda issa l-Persew ma jiflaħx jitqabad iżjed mad-destin. F' mument ta' debbulizza jaqtagħha li jneħħi ħajtu b'idejh:

"   Qasira s-safra tiegħi:
Jumejn jew tlieta l-kbira, fuq il-baħar,
bla nehda naqdef, mewġa wara mewġa . . . .
bejn sema u ilma . . . mb'għad imb'għad . . . . saflaħħar
wara seba' snin twal dil-qalb imħabbta
jewwilla ssibha s-sliema " (versi 800-805)

Jiġri għalhekk li mal-qtil ta' missieru l-Barrani żied dnub ieħor, dak ta' Ġuda, id-disprament. Dan jidher aktar ċar minn xi kliem li jżid igħid aktar tard

"   jien għad ma nafx kif nitlob
lanqas għalija nnifsi! U kieku biss . . . .
u kieku biss kont naf . . . . nibża' li lanqas
jixraqli nkun maħfur mill-ħtija tiegħi." (versi 830-833)

Iżda qabel ma l-Persew ikun jista' jwettaq il-ħsieb imqarraq tiegħu tiġi Safja u żżommu bil-kliem. Sadattant l-Istasin (in-nies ta' Għajn Stas) jiġu u jsibu lil Safja mal-Barrani. Dan biex jeħles lix-xebba, iwaqqa' l-ħtija kollha fuqu u jgħid li Safja ma ġietx minn jeddha imma bil-ħila tas-seħer tiegħu. L-Istasin, imxewxin minn Abdun, iħaġġruh iżda Safja wkoll tisfa milquta u taqa' f'riġlejh għal mejta. B'nifisha maqtugħ Safja titlob li titgħammed. Xena kommoventi tabilħaqq u issa huwa l-waqt li l-Barrani jwettaq it-tama li tnisslet fina minn xħin Nadir qal:

"   Xejn m'hi kbira
li t-Tarxi u hu din l-art rifsuha b'Rieda
li għadna ma fhimniex." (versi 247-249)

Għalhekk imiss lill-Barrani li jtemm il-missjoni mibdija minn San Pawl. Huwa jgħammed lil Safja:

"   U jalla wrajk jitnassru
missierek u qrabatek . . . . nislek kollu . . . .
u l-gżira kollha temmen f'Alla Wieħed " (versi 1141-43)

B'din il-mewta ta' martri, flimkien mar-rebħa li huwa għamel f'isem it-twemmin nisrani, inħossu li l-Barrani ssaffa tabilħaqq minn ħtijietu. Huwa tilef is-Saltna ta' Persew iżda rebaħ is-Saltna ta' dejjem. Id-dramm jagħlaq hawn, u wieħed jista' jikkonkludi li seħħ kollox kif xtaq hu.

Meta wieħed iqabbilha ma' tal-Barrani, il-katarsi ta' Safja hija ferm inqas effettiva minħabba li ftit li xejn għandha ħtija. Kulma għamlet hu li kisret l-amar ta' missierha li ħadd m'għandu jersaq lejn il-Barrani. Dan huwa nuqqas żgħir u mhux la kemm wieħed jaqbel ma' Safja meta hi tgħid lill-Barrani:

"Mhux jien ukoll, kif għidtli, ksirt il-kelma
ta' niesi u ta' missieri? . . . . Ħatja daqsek . . . . "

(versi 967-8).

Madankollu n-nisġa tad-dramm teħtieġ il-mewt ta' Safja. Ma satax isir mod ieħor.

# FARAĠ U ĦENA

**Ta' Pawlu Aquilina**

Kmieni.
Meta f'għajnejja
Kienet titbissem tat-tfulija l-ħena,
U bħal ħuttafa mtajjar
Kont niġri sa ma nħoss in-nifs jonqosni
Ħiereġ maqtugħ minn qalbi,
Bil-ħerqa kont infittex
Il-beraħ tal-egħlieqi,
Id-dell ħanin tas-siġar,
Il-ħemda ta' ġol-wied u seħer l-għolja:
Biex niftaħ qalbi magħhom!
Kont infittixhom bħal ma ċ-ċerv l-għadira
Jinfileġ taħt ix-xemx ta' Lulju jfittex
Sa ma moħbija jsibha
U jogħxa jixrob minnha
Il-ħajja bnina tiegħu;
Jixrob id-demm li jfawwar aħmar f'qalbu
U jerġa' s-saħħa jħossha tiġri miegħu.
Hekk, hekk, kont infittixhom
L-egħlieqi, il-ġonna, il-widien u l-għolja,
U kont ngħannaqhom bejn dirgħajja u miegħi
Tarja, meta bil-ħdura
Jimla ħaddejhom Marzu;

Niexfa meta qasbija
Jaħsad iż-żara' Ġunju
Bil-minġel bieżel tiegħu. . !
Kellha fuq qalbi seħer
Dik it-tbissima hienja, safja tagħhom,
Fis-skiet, fil-ħemda,
Fix-xita tfaqqa' jew fix-xemx qawwija!

Fi tlugħ ix-xemx, f'inżulha,
Jew meta l-bidwi jdur u jdawwar miegħu
Il-bhejjem fuq il-qiegħa,
Kemm kont inħossha teħla qalbi magħhom
U jfawwar l-għana bħal ma tfur nixxija . . .
U taħt sema sewdieni
Bi sħab fuq sħab ilebbet,
Inħossni kont bħal żiemel mimli qawwa.
Mingħajr ilġim, bir-riedni mqaċċta jtiru
Fuq dahru donnu blata,
Għaddej imħarrab, jogħla,
B'rasu merfugħa 'l fuq u b'denb jittajjar,
Jaqta' l-irjieħ qawwija,
Jifred ix-xita tfaqqa'
Fuq ġismu sħiħ u ħieles minn kull jasar —
U jibqa' jiġri u jilheġ . . . .
Jilheġ u jirbaħ triqtu . . . .
Jew għajjien mejjet jaqa' ġismu mħeddel
Sa ma jinħataf mid-dirgħajn felħana
Tar-rwiefen mingħajr qalb, u b'sabta magħhom
Jitkaxkar f'qiegħ il-ħondoq u jitfarrak
Qalb blat u xewk — imgħargħar
F'demmu bla ħajja . . . !

Hekk kont fil-ħemda noħlom
f'dirgħajn il-wied u l-għolja
Jew qalb il-ward u ż-żahar
Tal-ġonna tal-larinġ . . . .
U l-ħolma ta' tfuliti
Qiegħda tintiseġ ma' kull nifs ta' ħajti
U ssir kuljum il-JIEN li darba ħlomtha . . . . !

# RAPPORT TAS-SEGRETARJU

Sur President, Sħabi Membri tal-Kunsill, Sinjuri Akkademiċi,

Fil-ftuħ ta' dan ir-Rapport Amministrattiv li jeħtieġli rressaq quddiemkom bħala wieħed mid-dmerijiet tiegħi ta' Segretarju, ma nistax, din id-darba wkoll, bħal dak in-nhar tat-12 ta' Marzu, 1967, ma ntennix li, minkejja l-isforzi tiegħi kollha, ma rnexxilix li l-isem tal-Membri tal-Kunsill jidher fil-Gazzetta tal-Gvern, bħalma kien isir snin ilu. X'inhi sewwa r-raġuni ta' din l-indifferenza, jien għadni ma nafx, għalkemm ippruvajt nitkixxef, sabiex inkun nista' nipprova nħassar minn moħħ xi ħadd xi ħjiel dwarna li jitbiegħed mis-sewwa. Nittama li s-Segretarju l-ġdid, li jogħġobkom taħtru, tmissu xorti aħjar minn tiegħi.

L-istess intenni li, minkejja l-isforzi li saru min-naħa tat-Teżorier, is-somma ta' £30 fis-sena li l-Gvern jagħtina bħala sussidju baqgħet ta' l-istess ammont li kienet erbgħin sena ilu.

F'idejkom għandkom il-lista tal-Membri: b'daqqa ta' għajn tistgħu tindunaw min huma dawk li ngħaqdu magħna biex flimkien magħna jissieltu għall-idijal tagħna; u min kienu dawk li wieġbu għas-sejħa tal-Mulej u ħallewna warajhom; fost dawn ta' l-aħħar ma nistax ma nfakkarx b'mod partikulari lill-ħabib tagħna, is-Sur Nikol Biancardi, li miet għal għarrieda u ħalla ħasra kbira warajh. Fil-funeral l-Akkademja kienet rappreżentata mill-President, is-Segretarju Propaganda, l-Assistent Segretarju u minni.

Billi dan hu biss rapport, ma rridx nintilef wara xejriet letterarji, u għalhekk ser ngħaddi minnufih biex insemmi fil-qosor l-attivitajiet ewlenin tagħna.

Naħseb li l-aktar pass importanti kien dak li ħadna ma' l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu, iżda qabel ma nitkellem fuq din il-laqgħa, irrid infakkar li fis-26 ta' Novembru, 1967, kien sar "seminar" li fih l-Akkademja tagħna ltaqgħet ma' għadd ta' rappreżentanti ta' Ghaqdiet Letterarji Maltin, Edituri ta' ġurnali u gazzetti, perjodiċi profani u reliġjużi, ta' l-Awtorita' tax-Xandir u Televiżjoni u oħrajn, sabiex tistħarreġ il-qagħda ta' l-Ilsien Malti; fi tmiem dak l-istudju għaddiet riżoluzzjoni li permezz tal-Akkademja tal-Malti, titlob lill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu li jwaqqaf Kummissjoni ħalli tistħarreġ il-qagħda ta' lsienna u tissuġġerixxi kif l-aħjar biex l-ilsien tagħna jimxi 'l quddiem; kellna wkoll noffru l-għajnuna tagħna f'dak ix-xogħol ta' fejda.

Il-laqgħa bejn il-Ministru u d-Delegati tal-Akkademja li kienu l-

President, is-Segretarju u s-Segretarju Propaganda saret fl-20 ta' Frar. 1968, u kienet kordjali ħafna. Il-Ministru fisser il-fehma tiegħu dwar il-Malti, hekk:—

1. Il-Malti, bħala Lsien Nazzjonali għandu jkollu postu fl-iskejjel governativi u fl-Universita';

2. Fl-iskejjel governativi: il-Malti għandu jkun użat bħala mezz ta' tagħlim f'dawn is-suġġetti — Reliġjon, Storja ta' Malta, il-Malti nnifsu;

3. Il-Malti għandu jkun wieħed mis-suġġetti ta' l-eżami għaddħul fl-iskejjel sekondarji; konsegwenza ta' dan l-eżamijiet pubbliċi f'dawn is-suġġetti għandhom isiru bil-Malti:

4. Fl-Università: Il-Malti għandu jkun waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali.

Fil-"proċes verbal" ippreżentat lill-Ministru, u minnu milqugħ, hu kompla żied minn idu stess dan li ġej: "Il-"policy" governativa kienet dejjem illi l-Ilsien Malti jkollu l-post li jixraqlu — u ta' dan hemm prova l-Kostituzzjoni preżenti."

Il-Ministru għoġbu wkoll jilqa' s-suġġeriment li titwaqqaf il-Kummissjoni minna mixtieqa.

Fis-27 ta' Lulju, 1968, ressaqna quddiem il-Ministru, kif kien xtaqna nagħmlu hu stess, l-ismijiet ta' dawn li ġejjin u li kienu aċċettaw li jservu f'dik il-Kummissjoni:—

Professur G. Galea, Dr. Ugo Mifsud Bonnici, Dr. J. Micallef Stafrace, Rev. G. Ghigo, S.J., Professur S. S. Zarb, O.P., Rev. Bro. James F.S.C., Professur G. Aquilina, Sur Charles Coleiro u Sur L. Mizzi.

Għadna nistennew u nittamaw. Iżda forsi hawnhekk ta' min iżid li sew is-Segretarju Propaganda kemm jien ma' tul biċċa sewwa missena li għaddiet u kważi nofs din konna msefrin.

Konna tlabna wkoll li l-Akkademja tkun rappreżentata fuq l-"Advistory Board for Education" u fuq l-"Arts Council;" it-talba tagħna ma kenitx milqugħa iżda kellna wegħda li fl-"Arts Council" ikunu nominati xi kittieba bil-Malti.

Issuġġerejna wkoll lill-Gvern biex jittieħed ħsieb tal-kotba bil-Malti li jintużaw għall-qari fl-ewwel klassijiet ta' l-Iskola Primarja. Il-Gvern laqa' t-talba tagħna u waqqaf Kumitat li fuqu l-Akkademja kellha żewġ rappreżentanti is-Sinjuri Ġuże Chetcuti u Ġuże Diacono u meta l-ewwel wieħed ma kompliex daħal minn floku s-Sur Ġuże Cardona. Chairman ta' dak il-Kumitat kont maħtur jien, iżda fil-kariga uffiċjali tiegħi fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Il-Kumitat ħadem bis-sħiħ u ressaq ir-

rapport tiegħu: "Il-Ġabra ta' Ward" ser terġa' toħroġ riveduta u aġġornata. Xtaqna li nagħmlu ħaġa ġdida għal kollox, u l-Ministru qabel magħna, iżda mħabba l-kustjoni tal-flus kellna nitqannew b'edizzjoni riveduta.

Ilqajna x-xewqa ta' Dr. Pardo, l-Ambaxxatur ta' Malta fl-Amerika u man-Nazzjonijiet Magħquda, u permezz tal-Kummissjoni Djoċesana Emigranti bgħatna għadd ta' kotba bil-Malti lill-"clubs" tal-Maltin fl-Istati Uniti.

La qegħdin nitkellmu fuq il-kotba u l-pubblikazzjonijiet bil-Malti ma jkunx barra minn loku jekk hawn ngħidu li twaqqfet Kummissjoni magħmula mill-Professur Ġ. Aquilina, Dr. Ġ Zammit u s-Sur A. Agius Muscat biex tistudja kollha kemm hi l-kustjoni tad-drittijiet tal-Awtur jew "copyright". M'għandix dubju li dawn is-sinjuri qegħdin iżommu f'moħħom din il-kustjoni tant importanti, u anzi qegħdin b'għajnejhom miftuħa biex igħarrfuna x'passi għandna nieħdu biex inħarsu dawn id-drittijiet.

Il-Kunsill xtaq li **Il-Malti,** l-organu tagħna, li minkejja ħafna tfixkil, u permezz ta' sagrifiċċju personali tal-President, tat-Teżorier u oħrajn, baqa' dejjem ħaj, u joħroġ ftit jew wisq fi żmienu, ikun forsi aktar rappreżentativ tal-movementi letterarji moderni u jkollu format aħjar. Għal daqshekk ukoll twaqqfet Kummissjoni magħmula mill-President. it-Teożrier, is-Segretarju Propaganda u l-Assistent Segretarju biex jistudjaw din il-kustjoni. Hawn nieħu pjaċir ngħid li **Il-Malti** tagħna għadu jkun milqugħ tajjeb ħafna, mhux biss minna ta' Malta, iżda wkoll mill-ħbieb tagħna barra minn Malta, studjużi ta' Isienna li jiktbuli kultant u jgħiduli kemm japprezzawh. Nibagħtu barra minn Malta 26 kopja u llum jinsab fl-aqwa Libreriji ta' l-Istati Uniti, l-Ingilterra, l-Italja, il-Ġermanja u l-Amerika t'Isfel

Ix-xandir tal-letteratura tagħna jinteressana ħafna u għalhekk ħadna interess fil-kustjoni kollha tal-Ġabra Letterarja u xandir ieħor; sar stħarriġ mar-"Rediffusion" u nistgħu ngħidu li, minkejja xi ftit ta' l-inkwiet, il-qagħda ma għaddietx wisq għall-agħar.

Fl-imgħoddi kien hemm min xtaqna nissieħbu fil-C.O.M.E.S. — sirna nafu li l-Membri ta' din il-għaqda huma nies ta' fama mondjali u li dik is-soċjeta' internazzjonali ma tilqax fi ħdanha għaqdiet jew akkademji, iżda biss individwi.

Permezz tad-Direttur tal-Informazzjoni kienet twasslet lill-President tagħna x-xewqa ta' xi wħud mill-Membri tal-C.O.M.E.S. li jagħmlu laqgħa hawn Malta, u aħna weġibna li l-Akkademja kienet lesta li toffri l-ospitalita' tagħha lil nies hekk magħrufa, imma li fl-istess ħin

kienet trid iżżomm l-individwalita' tagħha u ma tħallix min jinqeda biha biss u xejn aktar. Minn dak iż-żmien 'l hawn, jiġifieri Ġunju tal-1967, ħadd ma reġa' avviċinana fuq din l-affari.

Bħalma jidher ċar minn dak li ġa għidt xi ftit ilu, meta xi ħadd minn sħabna jmut, aħna nippruvaw b'xi mod jew ieħor naqsmu n-niket li ġġib magħha l-mewt ma' min ikun tħalla warajh hawn fid-dinja; hekk għamilna dan l-aħħar meta miet għal għarrieda Nikol Biancardi u ftit qabel Robbie Mufsud Bonnici u Reggie Vella Tomlin; bil-kelma jew bil-preżenza tagħna aħna nippruvaw ukoll intaffu xi ftit is-swied il-qalb ta' dak il-Membru li jkun tilef lil xi ħadd għażiż għalih, bħalma dan l-aħħar għamilna ma' Walter Zahra.

Min-naħa l-oħra, nifirħu meta xi ħadd minna jaqla' xi unur — hekk fraħna ma' ħu Robbie Mifsud Bonnici meta Robbie ftit wara mewtu kien iddekorat bil-midalja "Pro Ecclesia et Pontifice"; dan ukoll sar meta l-President tagħna kien iddekorat bl-istess midalja mill-Qdusija Tiegħu l-Papa u meta l-Gran Mastru ta' l-Ordni Sovran tal-Kavalieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u Malta għoġbu jaħtru Kavalier Gran Kruċ. Qsamna l-ferħ tagħna ma' Patri Ġuże Delia fl-akkademja li saritlu f'għeluq il-qamsin sena tiegħu fil-Kumpanija ta' Ġesu'.

Aħna ngħożżu u nżommu ħajja f'qalbna l-memorja ta' dawk li tul ħajjithom sebbħu b'xi mod l-isem ta' Malta, imma b'mod l-aktar partikolari ta' dawk li bil-ħidma tagħhom għal Ilsienna u l-Letteratura tiegħu għanew il-ħajja nazzjonali u b'hekk ħallew wirt warajhom li l-Maltin kollha għadhom igawdu. Fost dawn ta' l-aħħar jipprimeġġjaw il-Kavalier Ġuże Muscat Azzopardi u Monsinjur Dun Karm Psaila, li t-tnejn kienu fundaturi tal-Akkademja u għal bosta snin Prisedenti tagħna. Il-merti ta' dawn huma kbar u magħrufa, u ebda rħama, statwa jew pittura ma tista' żżid mal-meritu intrinsiku tagħhom, iżda biss tista' sservi biex turi li dawn mhumiex minsija min-nies ta' arthom u twassal lil ġenerazzjonijiet futuri t-tifkira tal-wirt li ħallewlna. Għalhekk aħna nilqgħu bi pjaċir kbir meta xi ħadd minn dawn it-talin, saħansitra meta ma jkunx b'inizjattiva tagħna, ikun b'xi mod jew ieħor imfakkar, u nkunu dejjem lesti biex nieħdu sehem fiċ-ċerimonja u nagħtu xhieda pubblika ta' kemm ngħożżuh.

Xi wħud fostna wrew ix-xewqa li l-Kavalier Ġuże Muscat Azzopardi jsirlu monument fil-Barakka ta' Fuq, u li titqiegħed irħama kommemorattiva ħdejn il-bieb tad-dar, il-Belt, fejn hu għex u miet; qalulna wkoll li ibnu, il-President Onorarju tagħna, is-Sur Ġino Muscat Azzopardi. kien interessa ruħu f'dan il-ħsieb u kien lest biex jagħtina l-għajnuna tiegħu. Għalhekk twaqqfet Kummissjoni magħmula mill-President, it-

Teżorier u s-Segretarju Propaganda biex jaraw x'jista' jsir — din il-ħidma għadha sejra.

Fl-aħħar seduta ġenerali għaddiet riżoluzzjoni sabiex aħna nieħdu f'idejna t-twaqqif ta' Kumitat Nazzjonali biex jieħu ħsieb li jsir, f'post prominenti u pubbliku, monument lill-Poeta Nazzjonali, Monsinjur Dun Karm Psaila.

Il-Kunsill ma setax ma jilqax bi pjaċir kbir u bil-ħerqa ħsieb hekk sabiħ u qaddis, u stħarreġ bir-reqqa l-kustjoni kollha, mhux f'laqgħa waħda, iżda f'erba' laqgħat: saret Kummissjoni magħmula mill-President, l-Ass. Segretarju, u s-Sur Ġużè Cardona, kif ukoll mis-Sinjuri Ellul Galea u Marju Agius, il-proponent u s-sekondant tar-riżoluzzjoni ġa msemmija. Saru suġġerimenti minn min għandu jkun kompost il-Kumitat Nazzjonali, li kellu jilqa' fi ħdanu r-rappreżentanti ta' l-istrati u x-xejriet kollha tas-soċjeta' maltija, u dawn kienu avviċinati biex ikunu mistoqsija jilqgħux l-istedina. Sirna nafu li kien għadu ma wasalx iż-żmien li jitwaqqaf b'suċċess dak il-Kumitat, jiġifieri b'suċċess għall-ħsieb ewlieni tagħna; għalhekk ħsibna u rajna li għalissa aħjar nieqfu hemm — għalkemm, nistqarruh fil-beraħ, dan għamilnieh kontra qalbna

L-irħama ta' tifkira fl-Universita' Rjali ta' Malta lil Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, u forsi oħrajn magħhom, ukoll ulied l-Universita', li jix-irqilhom jibqgħu mfakkra għall-ħidma tagħhom fil-qasam lingwistiku u letterarju ta' lsien nazzjonali tagħna, jew li ħadmu favur il-Malti, għadha ma twaħħletx, iżda l-ħsieb qiegħed hemm, u nittamaw ma jdumx ma jsir fatt.

L-għotja tal-midalja Ġużè Muscat Azzopardi din is-sena għadha ma ngħatatx.

Qabel ma nagħlaq irrid insemmi fil-qosor tliet punti oħra: wieħed li sewdielna qalbna u t-tnejn l-oħra li jekk ma ferrħuniex ħafna juru għallinqas li għadna fuq ruħna u mimlijin ħajja. L-ewwel, it-talba tagħna, mhux mismugħa, li lis-Sur Ninu Cremona jingħatalu vitalizju; it-tieni, l-istedina, milqugħa minna, tal-Kummissjoni Djoċesana Emigranti biex flimkien magħha norganizzaw kompetizzjoni ta' "proza u poeżija", meta saret hawn fostna l-"Maltese Migrants' Convention"; u fl-aħħarnett il-laqgħa li tajna lill-Poet Laurate, C. Day Lewis u s-Sinjura tiegħu, meta dawn ġew fostna hawn Malta — morna nisimgħuhom, iltqajna magħhom u offrejnielhom pranzu li huma laqgħu — kilna u tħadditna flimkien u sirna nafu, u nittama. napprezzaw aktar lil xulxin.

Illum, fi tmiem din il-laqgħa, sejrin għal darb'oħra niltaqgħu ma' dwar il-mejda tal-ikel, iżda did-darba f'ġieh wieħed minna stess, wieħed li f'qalbna għandu post l' ftit oħrajn għandhom jew jista' jkollhom; sejrin nagħmlu hekk biex nistqarru quddiem kulħadd kemm nistmawh u nħobbuh — mhux biss għalih innifsu bħala persuna, bħala ġentlom, bħala ħabib, iżda bħala wieħed mill-aqwa u l-eseħħ plieri ta' l-Ilsien Malti u l-letteratura maltija — irrid ngħid is-Sur Ninu Cremona, il-Viċi President tagħna, dak li hu cekorat bil-Midalja Ġużè Muscat Azzopardi, mogħti mill-Universita' Rjali ta' Malta d-Dottorat fil-Letteratura Honoris Causa u dan l-aħħar mogħni bil-midalja tal-Fidda mill-Kumitati Ċiviċi ta' Malta. U dana kollu għall-meriti tiegħu biss u mhux għal ħaġa oħra; għax Ninu Cremona, kif nafuh aħna li kbirna miegħu, hu bniedem umli imma tassew kbir, u forsi kbir l-aktar, għax għalkemm kbir mhux mimli bih innifsu Kull unur li ħa kien jistħoqq; fil-każ tiegħu nistgħu napplikaw għalih fil-veru sens tagħha l-frażi taljana — "onore al merito', jew kif jgħidu l-Ingliżi: "Honour to whom honour is due." Min-naħa tagħna nittamaw ukoll li noħorġu għadd speċjali ta' **Il-Malti** dedikat lil Dottor Cremona.

Ma għandix xi nżid aktar. Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kunsill, u b'mod l-aktar speċjali lill-President, għall-pariri u l-għajnuna li huma dejjem tawni, u lilkom ukoll, tal-paċenzja li ħadtu tisimgħuni naqra dan ir-rapport.

---

## ERRATA CORRIGE

Il-Malti: Settembru 1969, paġna 83:-

Errata: "Għall-ewwel darba saret fil-Kappella tal-Onorati, Il-"Ġiżwiti", il-Belt. Is-Sibt, 17 ta' Frar 1968, organizza laqgħa fit-Teatru mibki Rob. Mifsud Bonnici . . . . . et seq."

Corrige: "Għall-ewwel darba saret fil-Kappella tal-Onorati, il-"Ġiżwiti", il-Belt. Is-Sibt, 17 ta' Frar 1968, organiżża laqgħa fit-Tejatru tal-Universita' Rjali ta' Malta, fil-Belt, meta Mons. Arċisqof ta l-ġieh P.E.P. lill-mibki Rob. Mifsud Bonnici . . . . . et seq."

# EJJA REBBIEGĦA
# EJJA APRIL

**Ta' Pawlu Mifsud**

Ejja Rebbiegħa,
Ejja April,
Tixtieqkom qlubna
Ilha żmien twil;
Ejja maħbuba
W ġib lill-maħbub,
U ferrħu naqra
L-imsejkna qlub.

Keċċulna x-xitwa,
Harrbu 'l Jannar,
Taffulna l-kesħa,
Waqqfulna l-qtar;
Libbsulna s-sema
B'lewn ikħal nir,
U l-art żejnulna
Bl-ifjen ħarir.

Ferrxu fl-egħlieqi
Twapet ħadrana,
Imlew il-ġonna
Bil-ward ħamrana;
Iksu lis-siġar
B'werqiet tarjin,
U roxxu fuqhom
Il-ġawhar fin.

L-għasfur oħorġu
Minn ġol-bejtiet
Biex jibda jinseġ
L-isbaħ għanjiet;
Halluh jittajjar
Ma' kullimkien
Qisu bla sabar,
M'għandux waqfien

Lill-baħar kiesaħ,
Li f'daw' x-xahrejn
Qagħ'd biss jitfarrak
Mal-blat għalxejn,
Ġibulu l-għeja,
Tħalluhx imqit
U bix-xemx sħuna
Fittluh xi ftit.

Ġiegħlu liż-żiffa
Biex kull fl-għaxija
Tmur tmellsu naqra
X'ħin kollu dija
Ikun qed jongħos
Taħt qamar sħiħ,
Biex il-qlub safja
Jitgħaxxqu bih.

Nibbtu l-imħabba
Fil-qlub mill-ġdid,
Fil-qlub miġnuna
Li tifraħ trid;
U sebbħu sewwa
'Il-ħolm tal-ħajja,
Tħallux in-niket
Fuq l-art jissajja.

Tħallux dmugħ iżjed,
Tħallux ħsieb tqil;
Ferħ biss irridu
U għomor twil.
Ejjew imbissma
Fid-dinja tagħna,
April, Rebbiegħa,
W oqogħdu magħna.

# REĊENSJONIJIET

George Stevens: **WAQTIET,** pagni 77, Union Press, Valletta, 1969.

**WAQTIET** tagħtina ġabra ta' "sehem ċkejken", fi kliem l-Awtur, ta' Essays. Il-werrej iwegħedna sebgħa-u-għoxrin essay f'firxa ta' sebgħa-u-sebgħin paġna ta' tipa ċar, għalkemm xi ftit żgħira. Illum, f'Malta min jindaħal sabiex jitgħabba jħallas minn butu xi xogħol letterarju jsib ma' wiċċu toqol ta' spejjeż qishom ma jispiċċaw qatt. Għalhekk, wieħed ma jistax joqgħod jagħżel tipa li tiekol il-paġni ma tafx kif. Hi x'inhi, it-tipa pulita ħafna, bħalma huwa l-bqija tal-ktieb.

Nixtieq ingħid Prosit minn qalbi lill-Awtur, is-Sur George Stevens, għaddehra sabiħa tal-ktieb. Jidher li l-Awtur ħela l-ħsieb u l-għaqal dwar id-dehra jew il-libsa teknika. Il-qoxra fiha disinn tas-Sur Mario Azzopardi. Id-disinn jogħġobni għax oriġinali u estetikament f'waqtu ħafna, kif ukoll is-siġra u dawk iċ-ċrieki ta' qisien wieħed mhux bħall-ieħor għandhom ilkoll x'jaqsmu mas-suġġett tal-ktieb: ġabra ta' ħsebijiet bħallikieku ta' xejriet, bixra, sura u qawwa, wieħed jingħażel mill-ieħor u lkoll marbutin ma' min welledhom. Id-daqs u s-sura tal-kliem estetikament ipaxxu lill-għajn, kif ukoll illewn aħdar pastel huwa lewn għażla ta' artista. Id-dahar ukoll maħdum bilgħaqal, bis-sena u bil-gost artistiku. It-tqassim u d-daqs tat-tipa ma fihom x'timmanka xejn. Il-ħsieb li jidher ritratt u kelmtejn dwar l-Awtur huwa ħsieb xieraq u għada pitgħada mal-mogħdija tas-snin wieħed jintebaħ kemm tiswa dokumentazzjoni rżina ta' dil-għamla. Barradan, tgħaddi idek fuq il-qoxra, tħossha tiżloq u hekk il-qoxra ma tiġborx għabra u għakar: din hija fehma moderna u naqbel magħha. F'kelma, issib f'idek ktieb jiġbdek, teknikament u estetikament f'waqtu, u jista' joqgħod spalla ma' spalla ma' xogħol ta' djar ewropej. Meta tiftakar li f'Malta dak li barra jidħlu għalih tużżana nies, hawn irid jagħmlu bniedem wieħed, tifhem kemm trid taqlagħlu l-kappell lill-Awtur.

L-Awtur lestielna "Kelmtejn fil-Qosor" bħala daħla. Qalilna bix-xewqa tiegħu li jiġbor "fi ktieb sehem ċkejken mill-essays tiegħi, għax kont imħajjar mhux ftit minn għadd sewwa ta' kittieba ħbieb tiegħi" u "qiegħed hawnhekk noffri lill-qarrejja, ħbieb tal-Malti, xi ftit minn dak li ktibt li fil-fehma tiegħi, hu ta' xi preġju". Għażel dak li huwa deherlu l-aħjar u ssokta: "Nittama li b'dan il-ktieb nimla vojt fil-qasam tal-letteratura Maltija." L-Awtur stqarr li huwa jittama li, "dan l-isforz fqajjar tiegħi, ikun ta' xi fejda għall-istudenti ta' l-Iskejjel Sekondarji waqt li jkunu jħejju għall-eżamijiet." Nawgurawlu lill-Awtur li l-ħsieb tajjeb li x-xogħol u l-ispejjeż li daħal għalihom, jiswew ta' ġid bħalma jixtieqhom huwa.

Il-ġabra fiha sebgħa-u-għoxrin essay u jidher li l-Awtur xtaq jagħmel bħall-qawsalla: jagħtina togħmiet u dehriet waħda magħżula mill-oħra bħalma hija l-ħajja. Issib tifkiriet bħal essay, 'Ruma Bil-Lejl', taħdit fl-essay, 'L-Ilsien Malti'; ġirja ta' ħsebijiet fl-essay, 'Fantasija', 'Dwalijiet', 'L-Ikħal'.

L-essay, minnu nnifsu, huwa mera jew imissu jkun mera tal-awtur innifsu. Għalhekk, bħall-pittura, skultura u kull xogħol artistiku ieħor, tidħol l-għażla tiegħek u tiegħi. Nistgħu naqblu u nistgħu ma naqblux f'dak li għandek xi

tgħid u kif qed tgħidu. Għax, wara kollox, ukoll artista jista' jfiehem ruħu f'suriet waħda ma taqbilx mal-oħra, bħalma Picasso għoġbu jpinġi l-figura tal-bniedem quddiem bħal fiż-żmien 'ikħal' tiegħu sa ma wasal il-jum ta' Guernica, meta fisser ruħu fi stil ieħor. Hekk ukoll il-kitba, l-aktar fl-essays. Qabel ma tgħid 'tajjeb' jew 'ħażin' trid tiftakar li mitt bniedem, mitt stil. Li tista' tgħid hu li stil wieħed ma hemmx. Għalhekk il-għażla għall-qarrej.

Nawguralu lill-Awtur iqawwi qalbu bil-merħba lill-**WAQTIET**.

**A. Agius Muscat.**

"**San Franġisk t'Assisi**" ta' P. Albert Sammut, O.F.M. Conv. — National Press — 1969. Paġ. 96.

San Franġisk t'Assisi hu Qaddis li jqanqal ġibda lejh għat-tieba, għall-ħlewwa, għall-ħniena u għall-qdusija tiegħu. Hu qaddis miqjum u maħbub mad-dinja kollha. Inkitbu ħafna kotba fuq il-ħajja meraviljuża tiegħu u għad-hom ħerġin xogħlijiet dwar ħajtu u għamilu għax dawn jistgħu jitqiesu bħala twissija kif in-nies tal-lum għandhom jingħaqdu f'rabta ta' ħbiberija u ta' sliem.

F'dan il-ktieb l-awtur mhux biss irrakkonta l-ħajja ta' San Franġisk iżda wera lil dan il-Qaddis bhala bniedem bħal oħrajn li għexu fi żmienu, bil-ġibdiet tiegħu, bil-fehmiet tiegħu u bl-imgibiet tiegħu u wkoll bit-tweghir li Franġisku sab ruħu fih bħala żagħżugħ fuq ruħu u bħala raġel avanzat, bħala fundatur u mexxej ta' Ordni Reliġjuż....

Minn dan il-ktieb wieħed jista' jitgħallem bosta ħwejjeġ dwar ġrajjiet u drawwiet fl-Italja ta' żmien il-Medju Evu. Hekk wieħed jaqra dwar tilwim u gwerer bejn popli u bliet, bejn Gwelfi u Ghibellini, bejn Pisa, Perugia, Ċelano, Kollestrada, gwerer li fihom inxtered bosta demm u saret qirda u ħerba. Wieħed jaqra wkoll dwar għira u taħwid bejn il-Gvernijiet u saħansitra bejn il-kapijiet li x'uħud minnhom kienu nies tal-knisja.

Imma l-aktar li jmiss il-qalb tal-qarrej hu t-tweghir li sab ruħu fih San Franġisk meta wieġeb għas-sejħa t'Alla u ġie biex iwaqqaf l-Ordni tiegħu u u mbagħad biex iżomm lill-irħieb magħqudin flimkien. Ħaġa tal-għaġeb kienu l-qima u l-għożża li kellhom lejn Franġisku l-ewwel imseħbin li gabar miegħu: Massew, Ljuni, Tumas, Elija, Ġnipru, Paċifku, Ġakbu u Ġanni, kollha mixgħulin mill-ħrara li jgħixu fil-paċi u fis-sewwa "Pax et Bonum". Fuq kollox tidher ċara l-ħajja ta' sagrifiċċju u ta' ċaħda li kellu fehma jfassal San Franġisk meta tħajjar iwaqqaf l-Ordni Serafiku.

Il-ktieb hu miktub tajjeb, bi stil ħafif, imżejjen bi stampi, u biex jagħti ħjiel tal-qalb sentimentali ta' San Franġisk l-awtur qaleb f'ilsienna waħda mill-għanjiet l-aktar ħelwin ta' dak il-Qaddis.

**G.**

Veritas Press Zabbar